MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 135/2005/1

**Fl-atti tar-Rikors ta' Alfred Mangion tat-13 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet**

**Carmela sive Carrie Micallef**

**v.**

**Alfred Mangion**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment wara rikors maghmul minn Alfred Mangion fit-13 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna "t-twaqqif u s-sospensjoni" ta' l-

esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar 2005 fl-ismijiet premessi, u dan pendenti l-ezitu ta' rikors ta' ritrattazzjoni li diga` gie intavolat.

2. Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2005 il-kontroparti, permezz tal-Avukat Dott. Ian Refalo, eccepiet li r-rikors kien irritu u null, u dan peress li flimkien mat-talba ma nghatatx il-garanzija msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 tal-Kap. 12.

3. Id-difensur tar-rikorrent ivverbalizza "li hu offra garanzija idonea fi flus kontanti fir-Registru tal-Qorti Superjuri u dan skond il-prattika vigenti sa recentement izda din giet rifjutata".

4. Wara li d-difensuri ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom kemm dwar il-paragrafu (a) kif ukoll dwar il-paragrafu (b) tal-imsemmi subartikolu (2) (tal-Artikolu 823), ir-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

5. Jibda biex jinghad li l-intimata Micallef m'ghandhiex ragun fl-eccezzjoni taghha. Kif gie deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-10 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Albert Rizzo v. Agnes Bezzina et**, il-kontemporaneita` tal-garanzija mat-talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni mhix kundizzjoni *sine qua non* ghall-esercizzju ta' l-azzjoni taht l-Artikolu 823 tal-Kap. 12, u dan in vista tal-kliem "meta tinghata" uzati fis-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Fi kliem iehor, il-fatt li sal-lum il-garanzija ghadha ma nghatatx – u anqas inghatat, kienu x'kienu r-ragunijiet, mal-presentata tar-rikors – ma jgibx in-nullita` tar-rikors in dizamina.

6. Issa, peress hawn si tratta ta' zgumbrament u peress ukoll li r-rikorrent indika li hu kien lest li jaghti l-garanzija skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 823, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust u ekwu li, flok ma tiddeciedi fuq it-talba kif kontenuta fir-rikors illum, taghti zmien lir-rikorrent biex jottempera ruhhu ma' dak kollu rikjest fl-imsemmi paragrafu (a). S'intendi, jekk ir-rikorrent jibqa' ma jgibx garanzija jew jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li tali garanzija ma tkunx, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda "tajba" ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi paragrafu (a), din il-Qorti ma jkollhiex alternattiva hlief li tichad it-talba tar-rikorrent u dan indipendentement minn dak li jehtieg li jigi sodisfatt

ukoll bil-paragrafu (b) – dwar liema paragrafu din il-Qorti ghall-mument mhux ser tippronunzja ruhha.

7. Ghall-motivi premessi, takkorda lir-rikorrent zmien sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju 2005 biex jottempera ruhu mal-paragrafu (a) in kwistjoni, u thalli r-rikors ghall-kontinwazzjoni – inkluzi sottomissjonijiet dwar l-idoneita` tal-garanzija talvolta moghtija kif ukoll, jekk ikun il-kaz, sottomissjonijiet ulterjuri dwar il-paragrafu (b) fid-dawl ta' tali garanzija – ghal nhar it-Tlieta, 14 ta' Gunju 2005 fid-9.00 am

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------